# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 6**

**Rikors numru 628/13/1 AF**

**Pacifico Agius, Pawlu Agius, Maria Gatt *neé* Agius, Victoria Zarb *neé* Agius, Saviour Agius, kif ukoll Robert Agius f'ismu u għan-nom ta' ħutu li jinsabu assenti minn dawn il-gżejjer, u ċioe` David Agius u Saviour Agius bħala eredi tad-defunt missierhom Peter Agius**

**v.**

**Michael Agius, Joseph *sive* Giuseppi Agius u Bartolomeo *sive* Bertu Agius**

1. Il-partijiet huma kollha wlied ta' Carmela Agius u Francesco Agius, ħlief għall-atturi Robert Agius, David Agius u Saviour Agius li huma wlied Peter Agius, li huwa wild ta' Carmela Agius u Francesco Agius. Carmela Agius mietet *ab intestato* fid-9 ta' Jannar 1989 filwaqt li Francesco Agius miet testat fil-5 ta' Mejju 2006 u l-wirt tiegħu jinsab regolat permezz tat-testment tal-24 ta' Lulju 1993 fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion. Fit-testment tiegħu Francesco Agius

innomina lil uliedu kollha bħala eredi universali tiegħu, filwaqt li assenja a favur ta' kull wieħed minnhom b'titolu ta' legat diversi porzjonijiet ta' art. L-atturi premettew illi l-assi ereditarji tal-ġenituri tagħhom ma ġewx diviżi bejn il-partijiet peress li ma rnexxielhomx jaslu għall-ftehim. Jippremettu wkoll li wħud mill-oġġetti mobbli u mmobbli formanti parti mill-massa ereditarja mhumiex komodament diviżibbli u għalhekk għandhom jinbiegħu b'liċitazzjoni.

2. F'dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara illi l-massa ereditarja tad-defunti Francesco u Carmela Agius hija komposta minn diversi oggetti mobbli, kif ukoll immobbli, oltre dik il-proprjetà li giet assenjata lill-partijiet in forza ta' diversi legati, liema assi ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
>
> 2. Tiddikjara illi l-partijiet kontendenti, fil-kwalità taghhom ta' eredi tad-defunti Francesco u Carmela Agius, huma lkoll proprjetarji ta' dawn l-assi ereditarji, u dan skond il-kwoti li ghandhom jigu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti.
>
> 3. Tiddikjara illi kull parti ghandha tircievi s-sehem spettanti lilu / lilha minn dawn l-assi ereditarji, u dan skond il-kwoti hekk stabbiliti.
>
> 4. Tillikwida l-assi ereditarji formanti parti mill-massa ereditarja tad-defunti konjugi Francesco u Carmela Agius, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi, u f'kaz li tali assi mhumiex komodament divizibbli, tordna l-bejgh in licitazzjoni ta' tali assi ereditarji.
>
> 5. Tassenja a favur tal-partijiet kontendenti, jew min minnhom, dawk l-assi li huma komodament divizibbli, u/jew tassenja s-sehem spettanti lil kull parti mir-rikavat tal-bejgh tal-imsemmija oggetti, skond il-kaz, u okkorrendo tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv, filwaqt illi tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-eventwali kontumaci.
>
> Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti intimati, ingunti ghas-subizzjoni."

3. Joseph Agius eċċepixxa li huwa ma jopponix ruħu għal-likwidazzjoni, qsim u assenjazzjoni tal-assi ereditarji tal-ġenituri tal-partijiet, salv id-drittijiet tiegħu fuq art li jaħdem f'San Pawl il-Baħar, li l-atturi għandhom jesebixxu d-

dokumentazzjoni kollha li tirreferi għall-wirt tad-defunti konjuġi Agius, inkluż id-denunzji u d-dikjarazzjonijiet *causa mortis*, u li l-atturi għandhom jippruvaw il-konsistenza tal-assi tad-defunti konjuġi Agius u jippreżentaw elenku dettaljat u dokumentat tal-assi kollha tagħhom.

4. Michael Agius u Bartolomeo *sive* Bertu Agius eċċepew li għandu jkun hemm is-soprasessjoni ta' din il-kawża sakemm tiġi deċiża l-kawża bin-numru 1114/2007.

5. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Ottubru 2021 ġie deċiż hekk:

> "Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawza billi:
>
> 1. Tiddikjara li l-massa ereditarja tad-defunti Francesco u Carmela konjuġi Agius hija komposta mid-diversi oġġetti mobbli u immobbli li ġew elenkati f'din id-deċiżjoni;
>
> 2. Tiddikjara li l-kontendenti Pacifiku Agius, Pawlu Agius, Maria Gatt, Victoria Zarb, Saviour Agius, Michael Agius, Joseph Agius u Bartolomeo Agius huma proprjetarji ta' wiehed minn disgha (1/9) kull wiehed tal-eredità tal-genituri taghhom Francesco u Carmela Agius, filwaqt li Robert Agius, David Agius u Saviour Agius ghandhom wiehed minn sebgha u ghoxrin (1/27) kull wiehed mill-eredità ta' Francesco u Carmela Agius;
>
> 3. Tordna li l-flus kollha li jinsabu depożitati mal-Bank of Valletta u mal-bank esteru National Savings and Investments f'isem Francesco Agius għandhom jinqasmu bejn il-kontendenti, kulħadd skont sehemu, u dan wara li minn dawn il-flus (i) jitħallsu l-legati lill-kontendenti Maria Gatt u Victoria Zarb u (ii) jitħallsu l-arretrati tal-qbiela lill-Awtorità tal-Artijiet; 4. Tordna li l-flus depożitati permezz taċ-ċedola ta' depożitu tas-27 ta' Awwissu 2015 fl-ismijiet Pisani Brothers Limited vs Robert Agius et, għandhom jiġu rilaxxati favur il-kontendenti, kulħadd skont sehemu;
>
> 5. Tordna li l-legati konsistenti fil-plots formanti mir-raba magħrufa bħala 'Ta' Ġnien Benien', sive 'Ta' Xwieki', Iklin, għandhom jinqasmu u jiġu assenjati lill-

kontendenti skont kif ordna d-defunt Francesco Agius fit-tieni u t-tielet artikolu tat-testment tiegħu;

6. Riferibbilment għall-mobbli l-oħra, dawn għandhom jibqgħu għand min jinsabu, b'dan illi s-senter li jinsab fil-kustodja tal-pulizija għandu jinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti kulhadd skond sehemu;

7. Tiddikjara li ż-żewġ porzjonijiet ta' raba magħrufa bħala 'Tal-Ġonna', Burmarrad, tal-kejl ta' circa tomna u tomna u kwart, formanti parti mill-eredità tad-defunti Francesco u Carmela Agius mhumiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti fil-kwoti rispettivi tagħhom;

8. Tordna li ż-żewġ porzjonijiet ta' raba magħrufa bħala 'Tal-Ġonna', Burmarrad, tal-kejl ta' circa tomna u tomna u kwart jinbiegħu b'liċitazzjoni bil-parteċipazzjoni wkoll ta' oblaturi estraneji. Għall-fini ta' valutazzjoni, il-prezz tal-bejgħ b'liċitazzjoni għandu jibda mill-istejjem Z1 u Z2 li jinsabu a fol. 132 u 134 tal-proċess.

9. Tordna li r-rikavat tal-bejgħ, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż relattivi għal-liċitazzjoni, jiġi diviż bejn il-kontendenti skont il-kwoti rispettivi tagħhom.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-kontendenti kollha, kulħadd skont sehemu mill-wirt ta' Francesco u Carmela konjuġi Agius."

6. Il-konvenuti Michael Agius u Bartolomeo *sive* Bertu Agius preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fil-15 ta' Novembru 2021 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar il-ħames kap tas-sentenza appellata u minflok tordna li ssir id-diviżjoni tal-art kontemplata fil-kap numru 5 in linja ma' dak li jista' jiġi deċiż fl-appell imressaq mis-sentenza mogħtija fl-atti tal-kawża 1114/2007, filwaqt li tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

7. Joseph *sive* Giuseppe Agius preżenta risposta tal-appell fl-1 ta' Diċembru 2021 permezz ta' liema ssottometta li għalkemm huwa m'appellax mis-sentenza appellata, jaqbel mal-appellanti li l-pjanta mehmuża mat-testment ta' missierhom mhijiex korretta u ma tirriflettix il-volonta` ta' missierhom.

8. Il-konvenuti preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom flimkien ma' appell inċidentali fl-14 ta' Diċembru 2021 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-atturi appellanti, filwaqt li tirriforma s-sentenza appellata billi tordna li s-senter li jinsab fil-kustodja tal-Pulizija m'għandux jinbiegħ iżda għandu jiġi assenjat lill-attriċi Victoria Zarb u b'hekk trasferit għal fuq isimha, u jiġi speċifikat li l-vettura tal-għamla Toyota li tinsab fil-pussess tal-attur Pacifico Agius għandha tiġi assenjata lill-istess Pacifico Agius u b'hekk trasferita f'ismu, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti appellanti.

**Ikkonsidrat:**

**L-Appell Prinċipali**

9. Fl-appell tagħhom il-konvenuti ressqu aggravju wieħed permezz ta' liema jilmentaw li jekk tiġi segwita d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti, u b'mod partikolari l-ħames kap tad-deċide, id-drittijiet tagħhom ser jiġu preġudikati b'mod irreparabbli. Jargumentaw li huma kienu talbu s-soprasessjoni ta' dawn il-proċeduri għaliex qabel issir il-qasma kellha tiġi riżolta l-kwistjoni ta' diskrepanzi li jeżistu fil-porzjonijiet indikati fuq il-pjanta annessa mat-testment ta' missierhom Francesco Agius. Jilmentaw li l-ewwel Qorti njorat totalment l-allegazzjoni tagħhom, kif debitament ippruvata permezz tar-relazzjoni tal-Perit Godwin Abela, u prosegwiet sabiex tordna l-qasma a bażi tal-pjanta annessa mat-testment li rriżulta li hija suġġett ta' diversi diskrepanzi.

10. Fir-risposta tiegħu, Joseph *sive* Giuseppi Agius, jgħid li huwa jaqbel mal-appellanti li l-pjanta mehmuża mat-testment ta' missierhom mhijiex korretta u ma tirriflettix il-volonta` ta' missierhom. Jgħid li wħud mill-*plots* li jidhru fuq il-pjanta ma jirriżultawx fir-realta` għaliex hemm *plots* li fuq il-post jirriżultaw iżgħar minn dak stabbilit fil-pjanta u hemm *plots* li m'għandhomx aċċess, u dan kif konstatat mill-Perit Godwin Abela fir-relazzjoni teknika tiegħu preżentata fl-atti tal-kawża numru 1114/2007 li kkonkluda li l-Perit David Psaila għamel żball għaliex għamel il-qasma fuq *site plan* uffiċjali mkabbra u mhux fuq *survey* attwali. Iżid li wara kważi erbatax-il sena ta' proċeduri ġudizzjarji l-konklużjoni tal-Qorti ma kellhiex tkun waħda li sempliċiment tibgħathom jagħmlu proċeduri oħra, bi spejjeż u dewmien ulterjuri.

11. L-atturi jirribattu li l-pretensjoni tal-appellanti hija kontradittorja għaliex jew ser isir pjan ta' qasma ġdid jew ser tiġi mwettqa r-rieda ta' missierhom kif riżultanti mit-testment. Jgħidu li missierhom kien ċar u spjegattiv fit-testment dwar il-qasma tal-art u l-appellanti naqsu milli jissostanzjaw l-allegazzjoni tagħhom li sar xi żball fir-rigward ta' wħud mill-*plots*. Jagħmlu referenza għall-Artikolu 701 tal-Kodiċi Ċivili u jsostnu l-legat in kwistjoni huwa applikabbli u għandu effett biss għal dik il-biċċa li tinstab u għalhekk l-aggravju tal-appellanti huwa insostenibbli. Iżidu li l-kwistjoni ta' aċċess għall-*plots* hija rrelevanti għaliex it-testment ma jagħmel l-ebda referenza għall-passaggi u mod ta' aċċess għad-diversi *plots* iżda biss għall-kejl tad-diversi *plots* u lil min kellhom

jiġu assenjati. Jgħidu li dan kollu huwa oltre l-fatt li l-partijiet ilkoll aċċettaw il-wirt imħolli lilhom mingħajr ebda kundizzjoni jew kwalifika, tant li ddenunzjaw il-proprjeta` li tħalliet u ġiet assenjata lilhom individwalment.

12. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “Francesco Agius ħalla b’legat lil kull wieħed u waħda minn uliedu in piena proprjetà parti diviża mill-għalqa ossia raba magħrufa bħala ‘Ta Ġnien Benien’, sive Ta’ Xwieki, Iklin. Kull parti ossia plot ġiet immarkata fuq pjanta annessa mal-istess testment. Lil sitta minn uliedu, id-defunt ħallielhom parti diviża oħra minn din l-art, b’mod li allura din ir-raba nqasmet fi hmistax-il plot, disgħa ‘mal-wied’ u sitta ‘mat-triq’. Dan il-legat huwa l-mertu tal-proċeduri fl-ismijiet inversi bin-numru 1114/2007. Dan il-każ ser ikun deċiż ukoll illum minn din il-Qorti kif presjeduta.”

***Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti***

13. Permezz ta’ dan l-aggravju l-konvenuti appellanti qegħdin effettivament jilmentaw dwar il-fatt li ġiet ordnata l-assenjazzjoni tal-*plots* imħollija lill-kontendenti bħala legat skont kif dispost fit-testment ta’ missierhom Francesco Agius u l-pjanta annessa miegħu. Huwa żbaljat l-argument tal-konvenuti li l-ewwel Qorti njorat l-argument tagħhom dwar allegati żbalji fil-pjanta annessa mat-testment. Dawn l-allegati żbalji kienu s-suġġett tal-kawża fl-ismijiet inversi bin-numru 1114/2007AF, li ġiet deċiża fl-istess ġurnata meta ġiet deċiża din il-kawża. F’dik is-sentenza ġie deċiż li ma kien hemm l-ebda lok li jsir pjan ta’ qasma ġdid kif mitlub mill-atturi, u minn dan isegwi b’mod loġiku li f’din il-kawża għalhekk l-ewwel Qorti ordnat li l-*plots* in kwistjoni jiġu assenjati lill-kontendenti skont il-pjan ta’ qasma deċiż mit-testatur. Il-konvenuti preżentaw appell mis-

sentenza mogħtija fl-atti tal-kawża numru 1114/2007AF, iżda dan l-appell ġie miċħud permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti li ngħatat illum ukoll. Għalhekk, ġaladarba hemm sentenza finali li l-pjan ta' qasma tal-*plots* tal-Iklin għandu jibqa' kif deċiż mit-testatur, m'hemm l-ebda raġuni għalfejn din il-parti tas-sentenza appellata għandha tiġi riformata.

14. Għaldaqstant l-appell prinċipali tal-konvenuti qiegħed jiġi miċħud.

**L-Appell Inċidentali**

15. Fl-appell inċidentali tagħhom l-atturi jsostnu li kien hemm qbil bejn il-partijiet meta saret il-qasma ta' diversi oġġetti bejniethom li s-senter li jinsab fil-pussess tal-Pulizija jinżamm minn Victoria Zarb. Jgħidu li fil-fatt dan is-senter kien fil-pussess ta' Victoria Zarb meta ġie elevat mill-Pulizija pendenti l-eżitu` ta' kwalunkwe proċess li seta' kien meħtieġ sabiex jiġi stabbilit minn huwa l-proprjetarju tiegħu. Jgħidu li għalhekk huwa opportun li l-liċenzja ta' dan is-senter tiġi trasferita fuq isem Victoria Zarb biex b'hekk ikun jista' jiġi rilaxxat favur tagħha mill-Pulizija. L-atturi jgħidu wkoll li jeħtieġ li jkun hemm ordni mill-Qorti sabiex il-vann tad-ditta Toyota li huwa fil-pussess ta' Pacifico Agius ikun jista' jiġi trasferit fuq ismu, peress li dan il-vann għadu rreġistrat f'isem missierhom Francesco Agius.

16. Michael Agius u Bartolomeo *sive* Bertu Agius jopponu t-talbiet magħmula fl-appell inċidentali għaliex skont huma għadhom ma ħadux dak spettanti lilhom, u għalhekk huwa neċessarju li jkun hemm il-bejgħ tal-oġġetti ndikati biex jirċievu dak li hu dovut lilhom bħala flus mir-rikavat.

17. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dawn l-oġġetti:

> "Dwar il-mobbli, jidher li uħud mill-aħwa tellgħu numru ta' oġġetti bix-xorti imbagħad partu bejniethom. Iżda l-kontendenti mhumiex jaqblu bejniethom dwar kull wiehed fil-fatt x'irceva. Dwar il-valuri ta' kull oġġett, l-attriċi Maria Gatt ippreżentat kopja ta' dokument miktub bl-idejn li skont hi juri l-valur ta' kull oġġett kif maqbul bejn il-kontendenti. Madanakollu, il-konvenut Michael Agius isemmi valuri oħra għal tnejn minn dawn l-oġġetti u jgħid ukoll li Pacifiko Agius kien ħa part mill-mutur li kellu jieħu hu, filwaqt illi Giuseppe Agius xehed illi kien xtara mutur minnhom mingħand ħuħ Pawlu. Fin-nuqqas ta' prova ċara dwar dawn l-oġġetti u minħabba t-trapass taż-żmien, il-Qorti tqis illi m'għandha l-ebda għażla oħra ħlief tiddikjara li dawn il-mobbli għandhom jibqgħu għand min jinsabu b'dan illi s-senter li jinsab fil-kustodja tal-pulizija għandu jinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn il-werrieta."

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

18. L-appell inċidentali tal-atturi jirrigwarda żewġ oġġetti: senter li skont huma għandu jiġi assenjat lil Victoria Zarb u vann Toyota li huma jgħidu għandu jiġi rreġistrat fuq isem Pacifico Agius.

19. Fir-rigward tal-vann Toyota li jinsab fil-pussess ta' Pacifico Agius, il-Qorti tosserva li ma sar l-ebda appell mill-ordni tal-ewwel Qorti li dan għandu jibqa'

għandu. Għalhekk il-Qorti tqis li m'hemm l-ebda ostakolu sabiex tagħmel l-ordni mitlub mill-atturi, u ċioe` li l-vann jiġi rreġistrat fuq isem Pacifico Agius.

20. Fir-rigward tas-senter, ossia *shotgun* bin-numru ta' reġistrazzjoni 7844, li l-ewwel Qorti ordnat li dan għandu jinbiegħ, il-Qorti tosserva li għalkemm l-atturi sostnew li kulħadd kien qabel mal-qasma tal-oġġetti mobbli u l-valutazzjoni li saret tagħhom u li tinsab esebita a *fol.* 168, jirriżulta li l-konvenut Joseph Agius ma kienx preżenti għal din il-laqgħa peress li lanqas biss kien jaf biha, u dan skont ix-xhieda ta' Michael Agius (*fol.* 183). Joseph Agius insista fix-xhieda tiegħu li hu ma jaqbilx mal-valutazzjoni tal-oġġetti li saret minn ħutu. Il-Qorti rat ukoll li mid-dokument esebit a *fol.* 146 jirriżulta li l-arma tan-nar imsemmija hija arma tal-kollezzjonisti, u għalhekk il-Qorti tqis inverosimili li l-valur tagħha huwa baxx daqs hemm indikat minn Maria Gatt fin-nota tagħha, u ċioe` ċirka €236. Għaldaqstant il-Qorti tqis li jkun aktar ġust fil-konfront tal-kontendenti kollha li din l-arma tan-nar tinbiegħ u r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti kif deċiż mill-ewwel Qorti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell prinċipali tal-konvenuti, u tilqa' *in parte* l-appell inċidentali tal-atturi, billi tawtorizza li l-vann Toyota Hilux jiġi rreġistrat f'isem l-attur Pacifico Agius, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Il-konvenuti għandhom iħallsu l-ispejjeż tal-appell prinċipali, filwaqt li l-atturi għandhom iħallsu l-ispejjeż tal-appell inċidentali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm